Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,475, 1 ta' Settembru, 2020
Taqsima B

A.L. 365 tal-2020

ATT DWAR IL-MEDJAZZJONI
(KAP. 474)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffa ta' Drittijiet skont l-Att dwar il-Medjazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 30 tal-Att dwar il-Medjazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u l-Governanza bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi u s-servizzi finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffa ta' Drittijiet skont l-Att dwar il-Medjazzjoni, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Tariffa ta' Drittijiet skont l-Att dwar il-Medjazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 474.01.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "liema dritt ma jingħatax lura," għandhom jiġu mħassra;

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ) u minnufih wara l-paragrafu (a) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) għal tilwim li jiġi riferut liċ-Ċentru, mill-Bord li Jirregola l-Kera, id-dritt ta' reġistrazzjoni applikabbli jkun bla ħlas, inkluż il-ħlas ta' kull notifika għall-ittra intavolata lill-Bord li jirregola l-Kera skont l-artikolu 34 tal-Att dwar il-Medjazzjoni. Il-ħlas stabbilit skont l-artikolu 7 tat-tariffa annessa mar-Regolamenti dwar Drittijiet fil-Bord li jirregola l-Kera ikun dovut ir-Reġistru;".

Kap. 474.

L.S. 69.02.

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. (1) Il-medjaturi għandhom ikunu intitolati li jirċievu dawk id-drittijiet għas-servizzi li jkunu taw sabiex iwettqu s-sessjonijiet tal-medjazzjoni bejn il-partijiet, kif ikun miftiehem bil-miktub bejn il-partijiet u l-medjatur qabel ma

jibdew il-proċedimenti.

(2) Il-medjaturi nominati skont l-artikolu 34(3) tal-Att dwar il-Medjazzjoni, għandhom jitħallsu 50 euro (€50) għal kull sessjoni, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, liema ħlas jitħallas miċ-Ċentru.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Rifużjoni parzjali tal-ispejjeż tal-preżentata applikabbli.

6. F'każijiet fejn bis-saħħa tal-medjazzjoni li tkun saret jintlaħaq ftehim sħiħ, il-partijiet ikunu intitolati għal rifużjoni li tammonta għal nofs l-ispejjeż tal-preżentata applikabbli.".